

Fil-kuntest tar-risposta għal din it-tielet domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tirrispondi dwar il-punti li ġejjin:

(a) Il-kunċett ta' "permezz tal-faċilitajiet tagħhom" fl-Artikolu 5(2)(d) tad-Direttiva 2001/29/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li recording li sar mill-produttur sabiex jixxandar mill-organizzazzjoni tax-xandir jaqa' taħt l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 5(2)(d) tad-Direttiva 2001/29/KE biss jekk l-organizzazzjoni tax-xandir hija responsabbli fir-rigward ta' terzi għall-azzjonijiet u n-nuqqasijiet tal-produttur marbuta ma' dan ir-recording bħallikieku tali azzjonijiet jew nuqqasijiet twettqu mill-organizzazzjoni tax-xandir innifisha?

(b) Il-kundizzjoni li r-recording isir "fisem [u/jew] bir-responsabbiltà ta' l-organizzazzjoni tax-xandir" hija sodisfatta jekk organizzazzjoni tax-xandir qabdet lill-produttur sabiex jagħmel ir-recording bl-għan li jxandru u bil-kundizzjoni li l-organizzazzjoni tax-xandir ikkonċernata għandha d-dritt li xxandar ir-recording?

Iċ-ċirkustanzi segwenti jistgħu jew għandhom jaffettwaw ir-risposta għad-domanda 3(b), u f'dak il-każ sa fejn:

(i) jekk hijiex l-organizzazzjoni tax-xandir jew inkella l-produttur li skont il-ftehim milħuq bejniethom tieħu/jieħu d-deċiżjoni artistika/editorjali finali u konklużiva dwar il-programm ikkummissjonat.

(ii) jekk l-organizzazzjoni tax-xandir hijiex responsabbli fir-rigward ta' terzi għall-obbligi tal-produttur marbuta mar-recording bħallikieku tali azzjonijiet jew nuqqasijiet twettqu mill-organizzazzjoni tax-xandir innifisha.

(iii) jekk il-produttur huwiex obbigat, skont il-ftehim li jorbtu mal-organizzazzjoni tax-xandir, jipprovdi l-programm ikkonċernat bi prezz determinat u jkopri, b'dan il-prezz, l-ispejjeż kollha assoċjati mar-recording.

(iv) jekk hijiex l-organizzazzjoni tax-xandir jew il-produttur li hija/huwa responsabbli għar-recording fir-rigward ta' terzi.

(c) Il-kundizzjoni li r-recording sar "fisem [u/jew] bir-responsabbiltà ta' l-organizzazzjoni tax-xandir" hija sodisfatta jekk organizzazzjoni tax-xandir qabdet lill-produttur sabiex jagħmel ir-recording bl-għan li din l-organizzazzjoni tkun tista' xxandru u bil-kundizzjoni li l-organizzazzjoni tax-xandir ikkonċernata għandha d-dritt li xxandar ir-recording, fil-każ fejn il-produttur obbliga ruħu, skont il-ftehim milħuq ma' din l-organizzazzjoni, li jassumi r-responsabbiltà finanzjarja u legali għal dak li jirrigwarda i) il-ħlas tal-ispejjeż kollha assoċjati mar-recording inkambju għall-ħlas ta' ammont iffissat minn qabel, ii) ir-responsabbiltà għall-akkwist ta' drittijiet, kif ukoll iii) ir-responsabbiltà għaċ-ċirkustanzi imprevedibbli bħad-dewmien fl-ikkompletar tar-recording u r-responsabbiltà għal ksur ta' kuntratt, iżda mingħajr l-organizzazzjoni

tax-xandir ma tkunx responsabbli fir-rigward ta' terzi għall-obbligi tal-produttur marbuta mar-recording bħallikieku tali azzjonijiet jew nuqqasijiet twettqu mill-organizzazzjoni tax-xandir innifisha?

(<sup>1</sup>) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Ottubru 2010 — (talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesgericht Ried im Innkreis — l-Awstrija) — Proċeduri kriminali kontra Staatsanwaltschaft Ried im Innkreis**

(Kawża C-235/08) (<sup>1</sup>)

(2010/C 346/64)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

(<sup>1</sup>) ĠU C 223, 30.08.2008.

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Lulju 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Irlanda**

(Kawża C-95/09) (<sup>1</sup>)

(2010/C 346/65)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

(<sup>1</sup>) ĠU C 113, 16.5.2009.

**Digriet tal-President tal-Ewwel Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Ġunju 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-High Court of Justice in Northern Ireland, Queen's Bench Division — ir-Renju Unit) — Seaport (NI) Ltd vs Department of the Environment for Northern Ireland**

(Kawża C-182/09) (<sup>1</sup>)

(2010/C 346/66)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(<sup>1</sup>) ĠU C 193, 15.08.2009.